# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta'Gunju, 2001**

**Numru: 29**
**Citaz. numru: 949/01/RCP**

**U.C.I.M. Co Ltd**

**vs**

**Charles Francica u martu Esther Francica**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici li bih is-socjeta` attrici wara li ppremettiet:

Illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' elf mija u ghaxar liri (LM1,110), rappresentanti import ta' 10 kambjali ta' LM111 il-wahda, debitament accettati, skaduti minn Awissu 2000 sa Mejju 2001 u mhux imhallsa, huma hawn annessi markati bin-numri minn 1 sa 10 konsekuttivament u inklusivament.

Illi ghalkemm mitluba biex jhallsu diversi drabi, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Illi l-kreditu tas-socjeta` attrici fis-somma ta' LM1,110 hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn taf is-socjeta` attrici, il-konvenuti ma ghandhom l-ebda difisa valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghal hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-Affidavit ta' Alfred Formosa, ir-rappresentant tas-socjeta` attrici, hawn anness Dok. A.

L-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi:

(1) ma ghandix dina l-Qorti taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u (2) hekk tikkundanna minnufih lill-konvenuti jhallsu lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' LM1110 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq.

Bl-imghax mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 ta' April 2001 jammonta ghal LM36, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv, u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Marzu 2001 kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta` attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta` attrici;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici li biha rriduciet it-talba b'elf u tlieta u hamsin lira Maltin (Lm1,053) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba ridotta tirrizulta pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacta tal-konvenuti **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** limitatment ghas-somma ta' seba' u hamsin lira Maltin (Lm57), bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Gunju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**28 ta' Gunju, 2001**